# Il-225 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija fil-Qrendi

**kitba ta' Martin Formosa**

Wara l-mewt ta' l-Isqof Tommasso Gargallo (1578 - 1614) li ġrat fl-10 ta' Ġunju 1614, Baldassarre Cagliares laħaq Isqof. Cagliares ġie magħżul mill-Gran Mastru Alof de Wignacourt. Din l-għażla għall-mexxej tad-Djoċesi Maltija saret waqt laqgħa tal- "Consiglio dell' Ordine", fejn saret rakkomandazzjoni ta' tlett persuni lir-Re Filippo III, Re ta' Spanja u ta' Sqallija. Ir-Re Filippo f'din iċ-ċirkustanza għamel użu mid-dritt li huwa kellu li jagħżel wieħed mit-tlett kandidati li ġew suġġeriti. L-esperjenza ta' Cagliares bħala l-Kappillan Konventwali u bħala l-Awditur tal-Gran Mastru Wignacourt fi ħdan l-Ordni għenu mhux ftit sabiex l-għażla taqa' fuqu. Id-deċiżjoni li ħa r-Re Filippo ġiet ikkonfermata f'Ruma waqt il-Konċistorju Sigriet li sar fit-18 ta' Mejju 1615.

Baldassare Cagliares kien l-ewwel Isqof ta' oriġini Maltija f'żewġ sekli ta' ħakma ta' l-Ordni fuq il-Gżejjer Maltin. Dan l-Isqof kien jaf sew il-pjaga tal-faqar fl-irħula ta' Malta u baqa' magħruf għall-ħniena li kien juri mal-fqar u l-batuti. Cagliares kien imur tajjeb ma' l-Ordnijiet Reliġjużi tant li fost oħrajn huwa xtara dar għas-somma ta' 2,000 skud sabiex twaqqaf il-Kunvent tal-Karmelitani Scalzi fl-1625. Att kbir ta' karita kien dak meta minn flusu huwa ħallas somma kbira ta' flus sabiex setgħu jinħelsu tlett Ġeswiti li kienu inħatfu mit-Torok.



Ma dan kollu, l-Isqof Cagliares kien ta' sikwit ikollu xi jgħid mal- Gran Mastru ta' l-Ordni fuq kwistjonijiet fejn tidħol l-awtorità ċivili tant li fl-1627 kienet ġriet ix-xniegħa li l-Isqof kien ġie arrestat u midfuħ ġol-ħabs u li kien ġie eżiljat minn Malta. Għalkemm huwa kien meqjus li jirrispetta mhux ftit lill-patrijiet, f'ittra li kien bagħat lis-Segretarju ta' l-Istat tal-Papa huwa jilmenta għall-fatt li ma riedx li dik magħrufa bħala l-Parroċċa tal-Griegi tkun immexxija b'mod regolari mill-patrijiet għaliex skond l-argument ta' l-Isqof din kienet destinata sabiex titmexxa mill-qassisin sekulari.

Fin-naħat ta' fejn illum hawn ir-raħal tal-Qrendi kienu jeżistu tliet irħula żgħar, Ħal Lew, Ħal Manin u Ħal Kbir. Sintendi id-distanzi bejn dawn l-irħula u l-Knisja taż-Żurrieq kienu pjuttost twal u għalhekk saru xi petizzjonijiet ma' l-Isqof sabiex dawn l-irħula ma jibqgħux jiffurmaw parti mill-Parroċċa taż-Żurrieq. Fil-15 ta' Frar 1618, wara li l-Isqof Cagliares kien wettaq it-tieni viżita pastorali tiegħu, kien ikkonċeda li dawn it-tlett irħula jinqatgħu minn maż-Żurrieq u jiffurmaw il-Parroċċa tal-Qrendi taħt il-patroċinju ta' l-Assunta.

Bħala kundizzjoni l-Kappillan taż-Żurrieq li minnu nqatgħa l-Qrendi kien impona li l-ewwel Kappillan jinħatar Dun Salvatore Burlò li kien jiġi minnu[1]. Dan il-Parrokat dam biss sentejn u ħames xhur.

Fis-sena 1630 l-Isqof Cagliares kienet ħakmitu marda fejn ma setgħax jitkellem aktar. Huwa miet fl-4 t'Awissu 1633.

It-tieni Kappillan kellu jkun żagħżugħ mir-raħal tal-Qrendi, Dun Ġamri Camilleri. Dan il-Kappillan ħass li kien hemm bżonn li tinbena Knisja ġdida u aktar spazjuża. Intagħżel il-post fejn qabel kien hemm diġa knisja ddedikata lill-Assunta u l-oħra tmiss magħha ta' Sant' Antnin. Propjament fl-1575, f'dan il-post kienet teżisti knisja ddedikata lin-Natività tal-Madonna. Din reġgħet inbniet fl-1594 u ġiet iddedikata lill-Assunta[2]. Dan bla dubju juri l-qima li diġa kellhom il-Qrendin lejn il-Madonna taħt it-titlu ta' l-Assunta. Dan ġara fl-1620 u l-bini baqa' sejjer għal 35 sena sħaħ. Il-Knisja kienet fuq forma ta' salib latin. Fi żmien it-tieni Kappillan, jiġifieri r-Reverendu Giomaria Camilleri li kien mill-Qrendi stess, twaqqfu l-Fratellanza tar-Rużarju fl-10 ta' Marzu 1629 u dik tas-Santissmu Sagrament fil-31 ta' Lulju 1630. Hmistax-il sena wara, fl-1 ta' Mejju 1645 l-Isqof Spanjol Michele Giovanni Balaguer f'ittra li bagħat Ruma, jiddikjara li l-popolazzjoni nisranija tal-Qrendi kienet tgħodd 378 ruħ.[3]

Wara li l-Qrendi kien intlaqat mill-pesta ta' l-1675 fl-aħħar reġa' beda jistejqer u l-popolazzjoni reġgħet bdiet tikber. Fl-1679 kien tlesta l-kampnar tal-qniepen mill-bini tiegħu. Fil-viżita li kien għamel l-Isqof Giacomo Molina fl-1680 huwa jsemmi li kienet teżisti knisja ddedikata lil Marija Assunta u din kienet madwar 75 palma (730 metru) il-bogħod mill-Parroċċa. Din il-knisja kienet ġiet profanata fit-28 ta' Settembru 1688. Il-festa kienet tiġi ċċelebrata bil-vespri u quddiesa letta mħollija fl-1615 minn Leonardo Farrugia u Gerolama Magro.[4] L-Isqof Molina jgħid li f'dak iż-żmien fil-Qrendi kienu jeżistu 148 dar u mas-700 ruħ b'hekk il-medja ta' nies jgħixu f'kull dar kien ta' 4.73 persuni

ġo kull dar. Skond ċensiment dettaljat li sar fl-1687, fil-Qrendi kienu jgħixu 673 ruħ fosthom kien hemm 4 Qassisin.[5] Dan ma kienx jinkludi xi barranin fosthom dawk li kienu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Ordni tal-Kavallieri.

Din iż-żjieda fil-popolazzjoni ġagħlet lir-raba' Kappillan, Dun Dumink Fomosa biex jieħu deċiżjoni drastika, dik li jwaqqa' l-knisja li kienet ħadet 60 sena biex inbniet u jibni oħra akbar minnha. Hu għażel lil Arkitett Lorenzo Gafà biex jiddisinja l-pjanta l-ġdida.

Lorenzo Gafà kien wieħed mill-akbar arketetti ta' l-epoka Barokka. Huwa kien jiġi ħu l-iskultur famuż Melchiorre Gafà. Lorenzo twieled fil-Birgu fl-1683 fejn baqa' jgħix tul ħajtu. Hawn min isostni li Lorenzo qatt ma siefer imma oħrajn jgħidu li kien mar Ruma bejn 1699 u l-1700 fejn kien ħa sehem fix-xogħol tan-Niccione tal-Basilica ta' San Giovanni in Laterno. Hu mifhum li kien intbagħat Ruma mill-Kunsill ta' l-Ordni sabiex jissorvelja l-esekuzzjoni ta' l-altar maġġur tal-Katidral ta' San Ġwann tal-Belt Valletta. Gafà beda jaħdem bħala skultur fil-ġebel u hu ħa sehem f'xogħolijiet diversi fil-knejjes ta' Ħaż Żebbuġ Malta (1661), fil-Knisja ta' Santa Skolastika u f'tal-Annunzjata tal-Birgu (madwar is-sena 1666) u ta' San Nikola tal-Belt. Bħala *capomastro* Gafà kien involut fil-bini tal-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat (1664 - 1683), San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta (wara l-1666 - 1680), ta' Sarria tal-Furjana (1676), tal-Karmnu ta' l-Imdina (1668 - 1672) u ta' Santu Rokku tal-Belt (c. 1680). Fl-1679 huwa ddisenja l-pjanta u ssorvelja x-xogħol tal-Katidral ta' l-Imdina u ġie mħallas għall-pjanta tal-Palazz ta' l-Isqof ta' l-Imdina. Il-Gafà ta sehmu fil-pjanti u fix-xogħol tal-kostruzzjoni tal-Kunvent ta' Santa Scolastica tal-Birgu (1679), fil-Knisja ta' San Lawrenz tal-Birgu (1679), fil-Knisja ta' San Lawrenz tal-Birgu (1681 - 1697), fil-Knisja ta' San Nikola tas-Siġġiewi (1676 - 1693), fil-Knisja ta' San Pietru Martri f'Marsaxlokk (1682), fil-koppla ta' San Ġorġ Ħal Qormi (1684), fil-Knisja tal-Qrendi (1685 - 1712), f'Tal-Ħlas Ħal Qormi (1690), f'ta' Santa Katerina taż-Żejtun (1692 - 1778) u f'tal-Vittoria tal-Belt Valletta (1699). Lorenzo kien iħobb jesperimenta b'forom differenti ta' koppli. Dawn l-esperimenti mhux dejjem kienu suċċess u ħafna minn dawn il-koppli kellhom jinħattu jew tinbidlilhom il-forma. Il-koppla tal-knisja tal-Qrendi hija mfaħħra minn ħafna esperti u jingħad li hi koppla b'miżuri proporzjonati ferm u b'forma mill-isbaħ.



Dun Dumink Formosa kien Kappillan kuraġġuż u ħabrieki tant li hu ħalla ħajtu waqt il-bini tal-faċċata meta waqa' minn fuq tavlun.[6] Din id-diżgrazzja ġrat fl-1 ta' Jannar 1700.[7] Il-Kappillan Pietro Zerafa (1701 - 1716) kien reġa' waqqa parti mill-knisja biex reġa' bnieha aktar fil-kobor. Jingħad li l-ġebel li permezz tiegħu nbniet il-Knisja Parrokkjali inqata' mill-art li fuqha nbena l-Kumpless Ġawhra, propjetà tas-Soċjetà Santa Marija.


TEMPLUM HOC
ILLUS AC RMUS DNUS FRATER
D·UICENTIUS LABINI EPUS
MELIT·ADM RDO DNO D AN-
TONIO MIZZI RECTORE SACRO
RITU DICAUIT ANNO POST
UIRGINIS PARTUM MDCCLXXXII
TERTIO IDUS OCTOBRIS, DOMINICA
SECUNDA TUM REDEUNTE
QUEM DIEM SINGULIS ANNIS
CELEBRITATI CONSTITUIT
1782

Fi żmien il-Kappillan Dun Antonio Mizzi (1755 - 1804) eżattament fit-tieni Ħadd ta' Ottubru bil-ġurnata taħbat it-13 tax-xahar 1782, l-Isqof ta' Malta Mons. Vincenzo Labini, ikkonsagra l-Knisja li kienet issa tlestiet mill-bini u meħlusa minn kwalunkwe dejn. L-Isqof Mons. Fra Vincenzo Labini ġie maħtur Isqof wara li Malta kienet għaddiet perjodu ta' ħames snin mingħajr Isqof għaliex l-Isqof Mons. Pellerano kien ħalla d-djoċesi u ma ġie qatt aktar f'Malta. Billi fiż-żmien li l-Ordni ta' San Ġwann kienet f'Malta setgħu isiru isqfijiet dawk biss li kienu membri tagħha, fuq ordni tal-Papa, Vincenzo Labini li kien patri fil-kongregazzjoni tat-Teatini qaleb għall-Ordni Kavalleresk ta' San Ġwann. Għalkemm il-Gran Mastru De Rohan ma tantx kien ħa pjaċir b'din il-mossa huwa kellu jobdi din l-ordni superjuri.

Mons. Labini ġie kkonsagrat Isqof fil-25 ta' Ġunju 1780 u għal bidu ma kienx milqugħ tajjeb. Huwa sab taħwid sħiħ fl-amministrazzjoni tal-knisja u kellu saħansitra jagħmel eżami iebes lil konfessuri għaliex kienu qalulu li l-qassisin Maltin



**Monsinjur Fra Vinċenzo Labini, kien Isqof ta' Malta taħt tliet saltniet, dik tal-Kavallieri, tal-Franċiżi u ta' l-Ingliżi.**

Il-knisja parrokkjali tal-Qrendi, kif nafuha fil-ġranet tal-lum.



kienu injoranti u diżubbidjenti. Wara huwa ikkumenta li kien sab "ubbidjenza u doċilità" sħiħa minn naħa tal-kleru Malti. Ir-renta tiegħu kien iqassamha lil foqra u kien bniedem ta' prudenza kbira. Huwa mexxa d-djoċesi taħt tliet saltniet, dik tal-Kavallieri, tal-Franċiżi u dik ta' l-Ingliżi. Din is-sena taħbat il-200 sena mill-mewt tiegħu li ġrat eżattament fit-30 ta' April 1807.

Mela wara sentejn u erba' xhur l-Isqof Labini waqt ċerimonja unika u solenni li seħħet fil-Knisja l-ġdida tal-Qrendi, iddikjara li minn dik il-ġurnata 'l quddiem dak il-bini kien "Post ta' Talb u Dar t'Alla". L-Isqof kompla dik iċ-ċerimonja billi dilek biż-żejt Imqaddes is-Slaleb żgħar li jinstabu bejn il-pilastri tal-knisja. Il-Knisja Parrokkjali hi 34.44 metri twila, 23.16 metri wiesgħa mill-kappelluni u 7 metri wiesgħa fil-kursija. Dan il-Kappillan jibqa' mfakkar ukoll għall-fatt li rnexxielu jġib mill-Parroċċa ta' Bormla l-ewwel statwa tal-Madonna sabiex tintuża fil-Purċissjonijiet f'Jum l-Assunta.[8]

F'din is-sena jaħbat il-225 sena anniversarju ta' dan l-avveniment uniku. F'din il-medda ta' żmien, dan it-tempju kompla dejjem jissebbaħ b'opri artistiċi bis-saħħa tal-ħidma ta' diversi kappillani u b'għotjiet mill-aktar ġenerużi ta' numru akbar ta' parruċċani. Intant, fl-1872 il-Kappillan Pietro Paolo Xuereb DD (1869 - 1882) ikkummissjona lill-pittur Belti Giuseppe Calleja (1828 - 1915) biex ipitter il-koppla, is-saqaf u l-pilastri prinċipali tal-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi[9]. Ix-xogħol kien beda xahrejn qabel l-Festa ta' l-Assunta ta' dik is-sena billi bdiet titpitter il-koppla u l-erba' evanġelisti.[10] Minn wara t-tieni Gwerra Dinjija saru xogħolijiet kbar li bidlu u sebbħu bil-kbir dan it-tempju Marjan meta kienet ingħatat il-*Marshal Aid.* Din l-għajnuna kienet ingħatat għaliex il-Knisja tal-Qrendi għal ftit ma spiċċatx imfarrka bi splużjoni ta' balla tal-gwerra bħal Knisja ta' l-Imqabba, ta' Ħal Luqa u bħal taż-Żurrieq. Din l-isplużjoni seħħet quddiem il-kumpless tas-Sala Ġawhra u fortunatament bombi oħrajn li kienu marbutin flimkien bil-ktajjen fil-post fejn wara nbniet l-iskola Primarja ma kinux splodew. Ħafna partitarji tas-Soċjetà Santa Marija kienu ħadmu b'sogru kbir l-iskultura tal-koppla u tal-gwarniċuni.[11] Fis-snin ta' wara 1950 inqata' d-dfin li kien isir fil-Knisja bil-ħidma tal-Prokuratur tal-Knisja Dun Mattew Magro. Dan sar billi nbena ċimiterju ġdid fil-viċinanzi tal-Qrendi. Il-membri tas-Soċjetà Santa Marija kienu fuq quddiem nett jagħtu l-għajnuna tagħhom fit-tisbiħ tal-Knisja Parrokkjali u fil-kostruzzjoni taċ-ċimiterju. Barra hekk għal diversi snin is-Soċjetà kienet tagħti nofs il-qligħ tal-bottegin bħala strina lill-Knisja sabiex sar il-pavimentar tar-rħam fuq disinn ta' Emmanuel Buhagiar. Tispikka wkoll il-ħidma diżinteressata ta' Dwardu Borg, ex uffiċjal tas-Soċjetà Santa Marija li bidel l-aperturi kollha tal-korsija u tal-koppla, sebbaħ l-artal maġġur, ħadem l-għamara kollha tas-sagristiji, ħa sehem kbir fid-dekorazzjoni tas-saqaf u tal-koppla u f'diversi xogħlijiet oħrajn. Fis-snin li ġew wara l-1971, bil-ħidma tal-Kappillan Dun Karm Attard saret ridekorazzjoni tas-saqaf kollu u l-koppla.

1 Dun Raymond Ellul, Il-Parroċċa tal-Qrendi f'għeluq it-350 sena - (Veritas Press - Żabbar Malta, 1968 p.5
2 Marian Devotions in the island of Saint Paul (1600 - 1800) Vincent Borg. The Historical Society - Malta p. 20
3 Archiveum Secretum Vaticanum, Secretaria Status, Malta, 186, f.404r
4 Tony Terribile, Programm Festa Santa Marija - Qrendi 1991, p.71
5 Stanley Fiorini, Status Animarum II: a Census of 1687, Proceedings of History Week 1984, ġMalta: The Malta Historical Societyh, 1986 (p.50)
6 P. Alexander Bonnici O.F.M. Programm Festa Santa Marija - Qrendi 1992, p.57
7 Lehen is-Sewwa - 12 ta' Awissu 1950
8 Dun Mattew Magro, Programm Festa Santa Marija - Qrendi 1994, Dun Anton Mizzi Kappillan il-Qrendi, p. 33
9 Fr Joe Calleja, Giuseppe Calleja 1828 - 1915 The Man The Teacher The Artist - Malta 1992, p. 36
10 Ibid., p.108
11 Informazzjoni minn Harry Axiaq, Programm Festa 2005, p. 46